MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 70/1992/1

Carmelo sive Charles Galea

Vs

Dr Paul Coppini LL.D b'digriet tat-30 ta' Gunju 1992 gie nominat kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-imsefrin Jude Thaddeo sive Teddy u lill-Mary konjugi Ellis u b'digriet tat-30 ta' Marzu 1993 il-konvenuti Jude Thaddeo sive Teddy u Mary konjugi Ellis assumew l-atti tal-kawza personalment stante li rritornaw mis-safar

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni prezentata mill-attur fit-2 ta' Gunju 1992 fejn ippremetta li:-

Permezz ta’ skrittura privata datata sbatax (17) ta’ Novembru 1990, il-konvenuti kif rapprezentati taw appalt lill-attur, liema appalt kien jikkonsisti f’xoghol ta’ tikhil, tibjid, cangar ta’ madum, elettriku, u konnessjonijiet ta’ ilma u hwejjeg, liema xoghol kellu jigi esegwit fil-fond numru hamsa (5), Triq Skorla, Sannat, Ghawdex.

Illi skond l-istess ftehim, il-konvenuti kif rapprezentati kellhom ihallsu lill-attur regolarment ghax-xogholijiet li jkun wettaq u obbligaw ruhhom wkoll illi jekk l-ahhar pagament ma jsehhx sa Ottubru 1991, il-konvenuti ikunu tenuti li jhallsu multa ta’ mitt lira (Lm100) kuljum ghall kull gurnata inkluz ferjat u hdud li fiha huma jibqghu inadempjenti fil-pagament.

Madankollu l-istess konvenuti, kif rapprezentati, ma hallsux lill-istess attur regolarment ghax-xogholijiet li huwa wettaq u fil-fatt tal-istess xoghol gia minnu ezegwit, l-attur jikkalkola li baqghalu jiehu bilanc ta’ dsatax il-mija u ghaxar lira (Lm1,910).

Illi l-konvenuti, kif rapprezentati, minkejja li gew interpellati diversi drabi sabiex jesegwixxu l-obbligu kontrattwali taghhom, baqghu indampjenti.

Ghalhekk l-attur talab lil din il-qorti sabiex :-

1. Tikkundana lill-konvenuti jhallsu lill-attur il-fuq imsemmija somma ta’ elf disa mija u ghaxar liri (LM1,910) jew ammont iehor verjuri li jigi likwidat minn dina l-Onorabbli Qorti bhala lilu dovut ta’ xoghol ezegwit u dana skond kif gie miftiehem fl-iskrittura privata hawn fuq imsemmija.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet prezentata fit-30 ta’ Mejju 1994 (fol. 46) mill-konvenuti fejn eccepew li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Rat ir-rapport imhejji mill-perit Albert Cauchi u l-avukat Dr Grazio Merciec.

Rat ir-rapport addizzjonali mhejji mill-periti Emanuel Vella u Guido Vella u l-avukat Dr Alfred Grech.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:-

1. L-attur qieghed jitlob minghand il-konvenuti hlas ta' erbat elef erbgha mija u disgha u erbghin euro u ghaxar centezmi (€4,449.10) jew ammont iehor verjuri li jigi likwidat ghal xoghol li ghamel skond ftehim ta' appalt li sar bi skrittura tas-17 ta' Novembru 1990 (fol. 7). Sfortunatament din hi kawza ohra li twieldet taht stilla hazina u ilha pendenti kwazi sbatax-il sena. M'hemmx dubju li l-ispejjez gudizzjarji ser ikunu iktar mill-ammont li qieghed jitlob l-attur. Mill-atti hu evidenti li l-iktar dewmien kien fil-perjodu li l-kawza kienet qeghda tistenna li jitlesta r-rapport addizzjonali. Fl-10 ta' Ottubru 1995 l-attur talab in-nomina ta' periti perizjuri (fol. 143), u fl-20 ta' Gunju 1996 gew nominati l-periti Emanuel Vella u Guido Vella u l-avukat Dr Carmelo Galea. Sussegwentement, fis-seduta tal-4 ta' Dicembru 1996 (fol. 157) inhatar l-avukat Dr Alfred sabiex jissostitwixxi lill-avukat Dr Carmelo Galea li kien talab li jigi sostitwit peress li f'kawzi ohra kien jippatrocina lill-konvenuti. Quddiem il-periti addizzjonali saru seduti matul is-snin 1999 u 2007, u jirrizulta wkoll li kien f'dan il-perjodu li l-konvenuti ressqu l-provi taghhom. Dan minkejja l-fatt li fid-digriet tan-nomina, il-periti addizzjonali ma nghatawx il-fakolta' li jigbru dokumenti u jisimghu provi. Fis-seduta tal-25 ta' Gunju 2003 (fol. 202) il-qorti ordnat lill-periti addizzjonali sabiex fit-22 ta' Lulju 2003 jzommu l-ahhar seduta u fl-istess hin awtorizzathom sabiex wara dik is-seduta jirrelataw. Minkejja din l-ordni saru hafna iktar seduti, u fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2006 (fol. 309-311) id-difensur tal-konvenuti ddikjara li l-periti addizzjonali setghu jghaddu ghar-rapport. Inoltre, fis-16 ta' Jannar 2004 (ir-rapport ta' l-ewwel periti gie prezentat fis-27 ta' April 1995 u l-istadju tal-provi kien maghluq) il-

konvenut ipprezenta affidavit bix-xhieda tieghu (fol. 207-209), kontra dak li jipprovdi l-Artikolu 679 tal-Kap. 12[1].

Jigi precizat li minn qari tac-citazzjoni hu evidenti li l-attur m'huwiex jezercita l-azzjoni ta' l-appaltatur kontra l-kommittent kontemplata fl-artikolu 1640 tal-Kodici Civili[2], izda l-azzjoni ordinarja li tohrog minn kull kuntratt, li ghaliha huma applikabbli r-regoli komuni f'materja ta' obbligazzjoni.

2. Permezz tal-ftehim li sar fis-17 ta' Novembru 1990, l-attur obbliga ruhu li jlesti x-xoghol li kien inghata bi ftehim precedenti (tibjid, tikhil, cangar ta' madum, elettriku, ilma u affarijiet ohra fir-residenza Ellis, 5, Triq Skerla, Sannat Ghawdex) sa l-ahhar ta' Ottubru 1991 u fin-nuqqas ihallas multa ta' €232.94 ghal kull gurnata ta' dewmien. Il-konvenuti obbligaw ruhhom li jhallsu b'mod regolari ghax-xoghol li jwettaq l-attur. L-uniku eccezzjoni moghtija mill-konvenuti (fol. 46) taqra: ***"Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt."***. Jirrizulta li l-partijiet kienu ftehemu fuq prezz ta' sittax-il elf tmien mija u sebgha u tmenin euro u sitta u disghin centezmu (€16,887.96). Fid-dikjarazzjoni guramentata, il-konvenut spjega li kien hallas is-somma ta' €8,572.94 ghal xoghol li ghamel l-attur, u li kien hemm dewmien minkejja li l-attur intrabat li jlesti x-xoghol sad-data pattwita. Min-naha tieghu l-attur xehed li kien ircieva s-somma ta' €8,385.74 (fol. 121). Il-konvenut spjega wkoll li qieghed isofri danni minhabba d-dewmien tal-attur u ddikjara li *"....dawn l-eccezzjonijiet qeghdin isiru minghajr pregudizzju ghad-drittijiet li l-konvenut jista' jitlob fi stadju ulterjuri liema talbiet ghadhom ma sarux ghal ekonomija tal-gudizzju."*. Ma saret l-ebda talba rikonvenzjonali ghall-hlas ta' penali u wisq inqas tressaq xi ilment dwar il-kwalita' tax-xoghol imwettaq mill-attur.

[1] Fid-digriet tan-nomina (2 ta' Ottubru 1992), il-periti nghataw il-fakolta' li jismighu x-xhieda.
[2] Fejn min jaghti x-xoghol ikun hall il-kuntratt.

3. Man-nota ta’ l-eccezzjonjiet il-konvenuti esebew erbgha (4) kontijiet li nhargu mill-attur:-

a. Xoghol ta’ kontrabejt tal-konkos (bla data) - €1,164.69 (Lm500).
b. Xoghol ta’ tikhil tal-faccata (14/5/1991) - €1,630.56 (Lm700).
c. Xoghol ta’ hajt ta-sejjiegh u xoghol ta’ brixx fuq gewwa (9/7/1991) - €2,515.72 (Lm1080). Hlas sar fit-22/7/1991 (fol. 52).
d. Xoghol ta’ tikhil u konkos (4/11/1991) - €2,329.37 (Lm1,000). Hlas sar fl-4/11/1991 (fol. 53).

M’hemmx kontestazzjoni li l-attur ma wettaqx ix-xoghol kollu. Jirrizulta li nqala’ dizgwid bejn il-mandatarju tal-konvenuti (George Galea) u l-attur, peress li l-attur kien qieghed jippretendi hlas ghal xoghol li kien tlesta. L-attur ighid li xi tlett gimghat *“...qabel l-gheluq tal-kuntratt.....”*, Galea *“qalli li qabel nehles kollox mhux ser itini flus.”* (fol. 122). Madankollu rrizulta li fl-4 ta’ Novembru 1991 kien sar pagament iehor. Mill-mod kif xehed l-attur, jidher li hu fehem li l-kuntratt hu validu sal-4 ta’ Novembru 1991. Tant hu hekk li fis-seduta tad-29 ta’ Jannar 1993 xehed li: *“X’hin ghalaq il-kuntratt mort ghand l-avukat tieghi u bghatlu ittra tal-1/11/91.”* (fol. 122). Ikompli jghid li l-mandatarju tal-konvenuti (george Galea) kien baghatlu xi madum *“....fil-4/11/91 meta skada l-kuntratt.”* u li wara *“....waqaft izda bqajt immur kultant biex nara jekk ix-xoghol baqax kif kien.”* (fol. 123).

4. Min-naha tal-periti teknici jidher li sabu xi difetti fix-xogol li wettaq l-attur. Fid-dikjarazzjoni guramentata annessa man-nota ta’ l-eccezzjonijiet il-konvenut ma jilmentax dwar xoghol hazin, u l-qorti tifhem li f’din id-dikjarazzjoni il-konvenut spjega d-difiza tieghu. Min-naha l-ohra pero’ l-attur ma jilmentax li l-periti gudizzjarji ghamlu tnaqqis ukoll ghal xoghol li gie meqjus bhala difettuz. L-ewwel perit tekniku (perit Albert Cauchi) elenka x-xoghol difettuz u ghamel tnaqqis tal-prezz, ikkalkola l-prezz ghal xoghol li sar izda li ma tlestix u xoghol li ma kienx miftiehem prezz dwaru (fo. 97-100). Il-periti addizzjonali

filwaqt li kkunsidraw l-istess affarijiet, ikkonkludew li l-hlas dovut hu:-

- €11,943.70 (Lm5127.43) – valur ta' xoghol imwettaq.
- (€8,385.74) (Lm3600) – ammont imhallas lill-attur.

______________________________

**€3,557.95 (Lm1,527.43).**

L-attur irrimetta ruhu ghar-rapport imhejji mill-perit addizzjonali u lanqas ma pprotestax ghal fatt li sar tnaqqis minhabba dak li gie deskritt bhala xoghol difettuz jew tnaqqis mill-prezz pattwit ghal xoghol li ma kienx tlesta. Min-naha taghhom il-konvenuti ma ghaddew l-ebda kumment. Mehud in konsiderazzjoni li l-materja trattata mill-periti teknici hi ta' natura teknika u peress li ma tressqet l-ebda raguni ghalfejn il-qorti ghandha tiskarta l-opinjoni li taw, qeghda taddotta l-konkluzjoni tal-periti teknici. Madankollu, fir-rigward tas-somma li thallset mill-konvenuti, il-qorti hi tal-fehma li s-somma hi ta' tmint elef hames mija u tnejn u sebghin euro u disgha centezmi (€8,572.09) [ekwivalenti ghal Lm3680] in kwantu m'ghandix raguni ghalfejn tiddubita li l-konvenuta kienet hallset depozitu fl-ammont ta' €931.75 (Lm400).

Fir-rigward ta' xogholijiet li saru mill-attur, il-qorti taghmel riferenza ghall-verbal tal-access li sar mill-perit Albert Cauchi fit-18 ta' Awwissu 1993 fil-prezenza tal-partijiet u d-difensuri taghhom (fol. 103-106). Hu evidenti li kemm l-ewwel perit u l-periti addizzjonali bbazaw il-konkluzjonijiet fuq ix-xoghol elenkat fl-imsemmi verbal. Fil-fehma tal-qorti dan il-verbal iservi biex inehhi kull dubju dwar ix-xoghol li kien lest sa l-ahhar ta' Ottubru 1991.

5. Jigi rilevat li l-fatt li sa l-ahhar ta' Ottubru 1991 ix-xoghol kien ghadu ma tlestix, ma jfissirx li l-attur tilef il-jedd li jitlob hlas ghax-xoghol li wettaq. Fil-fatt il-ftehim li sar fis-17 ta' Novembru 1990 jipprovdi li f'kaz li x-xoghol ma jitlestix sa l-ahhar ta' Ottubru 1991, kellha tithallas penali. Mill-provi rrizulta li wara l-hlas li sar fit-22 ta' Lulju

1991, l-ahhar pagament sar fl-4 ta’ Novembru 1991 u dan minkejja li kien sar xoghol li tieghu l-attur kien ghadu ma thallasx. Il-konvenut stess qal[3] li skond il-ftehim l-attur kellu *“...jithallas ta’ kull bicca xoghol indikata* ***malli jlestiha*** *skond prezzijiet hemm indikati.”*, haga li mill-provi rrizulta li ma kienx qieghed isir. Kien f’Ottubru 1991 li nqala’ d-dizgwid bejn George Galea[4] u l-attur, tant li jidher li wara li sar l-ahhar pagament (4/11/1991) ma baqghux jitkellmu. Fl-affidavit li ghamel, il-konvenut isostni li meta kien iltaqa’ mal-konvenut fi Frar 1992 kien qallu *“jehles ix-xoghol kollu u nhallsu ta’ kollox.”* (fol. 208). Kliem li ghall-qorti jfisser li l-konvenut ried jibdel kundizzjoni tal-ftehim, liema tibdil ma kienx accettabbli ghall-attur. Jidher li r-relazzjoni bejn il-kontendenti kienet spiccat ghal kollox u kullhadd qabad triqtu. Tant hu hekk li mill-provi ma rrizultax li l-konvenuti qatt interpellaw lill-attur sabiex ilesti x-xogholijietu anzi nkarigaw lil haddiehor biex ilesti x-xoghol.

Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta’ u tiddecidi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-konvenuti, tilqa’ t-talba ta’ l-attur limitatament ghas-somma ta’ **tlett elef tlett mija u wiehed u sebghin euro u sittin centezmu (€3,371.60)**[5].

Spejjez jinqasmu in kwantu ghal tlett kwarti (3/4) mill-konvenuti u kwart (1/4) mill-attur. B’dan li l-ispejjez relatati mas-seduti li ser jissemmew u li saru quddiem il-periti gudizzjarji ghandhom jithallsu b’dan il-mod:-

a. **L-ewwel periti** – 12/2/1993 spejjez jinqasmu bin-nofs, filwaqt li tal-21 ta’ Mejju 1994 u 28 ta’ Mejju 1994 spejjez a karigu tal-konvenuti.

b. **Periti addizzjonali** – 17/9/1999, 20/11/1999, 22/7/2003, 18/12/2003, 19/1/2004, kull parti taghmel tajjeb ghall-ispejjez taghha u l-ispejjez tal-periti gudizzjarji jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet, filwaqt li l-ispejjez relatati mas-seduti tal-20/11/1999 u 30/6/2005 ikunu a

---

[3] Ara dikjarazzjoni guramentata fol. 46.
[4] Mandatarju tal-konvenuti li kienu qeghdin barra minn Malta.
[5] Ekwivalenti ghal Lm1,447.43.

karigu ta’ l-attur u dawk tat-22/7/2003, 21/4/2004, 19/5/2004, 14/10/2005 a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------